**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 313/2019 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**RB**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RB datat l-1 ta' Lulju 2019 a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti iżżewġet lill-intimat nhar it-tletin (30) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u tnax (2012) hekk kif jixhed iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ mal-preżenti anness u mmarkat Dok A.*

*Illi qabel dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla bl-isem ta' AB, imwielda nhar X, hekk kif jixhed l-Att tat-Twelid mal-preżenti anness u immarkat Dok AA.*

*Illi l-partijiet ilhom isseparati de facto sa mis-sena elfejn u tlettax (2013) u isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Louanne Magri, lura fis-sena elfejn u sittax (2016) hekk kif tixhed il-vera kopja tal-kuntratt, mal-preżenti annessa u mmarkata bħala Dok B.*

*Illi ai finijiet tas-subartikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi dikjarat li ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt.*

*Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u la fil-konfront tal-minuri AB.*

*Illi l-esponenti tixtieq li tirreverti għal kunjom xbubitha u ċioe F.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalhekk l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66 A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

3. *Tordna u tawtorizza lir-rikorrent RB tirriverti għal kunjom xbubitha F.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat illi il-verbal tat-18 ta' Novembru 2019, li permezz tieghu il-Qorti spjegat lil intimat id-drittijiet legali tieghu izda l-intimat ghazel li jirrifjuta l-assistenza legali u tenna li ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju mitlub;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi CB xehed (fol 16) illi huwa iżewweġ lil RB u li l-partijiet għandhom tifla, minuri, li twieldet qabel iż-żwieġ. Il-manteniment ta' din it-tifla dejjem tħallas. Xehed illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Mid-data ta' meta isseparaw de facto, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemmx tama tal-istess.

Illi RB xehdet (fol 18) u ikkonfermat dak li xehed l-intimat. Xehdet ukoll illi l-partijiet ilhom isseparati de facto mill-2013.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Ġunju 2012 (Vide Dok A fol 3) u ghandhom tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Louanne Magri, datat l-1 ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (vide Dok. B fol 5 et seq tal-proċess) pero kienu ilhom isseparati de facto sa mill-elfejn u tlettax. Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar mill-erbgħa snin rikjesti mil-liġi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku u tawtorizza lil RB sabiex tirreverti lura għal kunjom**

**xbubitha u ċioe F u tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat sabiex jieħu l-azzjoni meħtieġa.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**